II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/404

tat-24 ta' Marzu 2021

li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, u japplika mill-21 ta' April 2021. Wieħed minn dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali huwa li dawk il-konsenji jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz, jew territorju, żona jew kompartiment tiegħu, skont l-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura. Il-punt (a) tal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jistgħu jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati għall-ispeċijiet u għall-kategoriji partikolari ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stipulati f'dak ir-Regolament Delegat.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, jew kompartimenti tagħhom fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, li minnhom jenħtieġ li jiġi permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, skont il-kriterji stipulati fl-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1)

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(4) Bħalissa, il-listi ta' pajjiżi terzi u territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' speċijiet u kategoriji speċifiċi ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, huma stipulati f'diversi atti tal-Kummissjoni. L-ewwel nett, il-listi huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([3]), fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([4]), fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 ([5]), fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([6]), fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 ([7]), fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 ([8]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 ([9]), li kollha kemm huma jitħassru bir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 b'effett mill-21 ta' April 2021. Barra minn hekk, listi oħrajn huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE ([10]), fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/636/KE ([11]), fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 ([12]), fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE ([13]), fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE ([14]), fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/137/UE ([15]), fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/294 ([16]), li kollha kemm huma jitħassru b'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(5) Skont il-qafas il-ġdid dwar is-saħħa tal-annimali, stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/429, huwa xieraq li jiġi kkombinat f'att wieħed tal-Kummissjoni sett sħiħ ta' listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati abbażi tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dan huwa konformi mal-approċċ adottat fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692, fejn ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji huma stipulati f'att wieħed tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, huwa jipprevedi aktar konsistenza u trasparenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.)

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1)

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 tad-9 ta' Frar 2009 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom, għall-importazzjoni fil-Komunità, jew għat-tranżitu minnha, ta' laħam ta' leporidae selvaġġi, ta' ċerti mammali tal-art selvaġġi u ta' fniek imrobbija fl-irziezet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12)

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1)

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1)

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 tas-7 ta' Jannar 2013 li tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta' kwarantina tagħhom (ĠU L 47, 20.2.2013, p. 1)

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 tat-28 ta' April 2016 li jfassal listi tal-pajjiżi terzi, il-partijiet ta' pajjiżi terzi u t-territorji li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, li jistabbilixxi ċertifikati, rekwiżiti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 u li jħassar id-Deċiżjoni 2003/812/KE (ĠU L 126, 14.5.2016, p. 13)

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE tal-4 ta' Jannar 2006 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' embrijuni bovini u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/217/KE (ĠU L 57, 28.2.2006, p. 19)

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/636/KE tat-22 ta' Lulju 2008 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' ova u embrijuni tal-ispeċi tal-ħnieżer (ĠU L 206, 2.8.2008, p. 32)

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2005 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41)

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina fl-Unjoni (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 74)

([14]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 247, 24.9.2011, p. 32)

([15]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/137/UE tal-1 ta' Marzu 2012 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi porċina (ĠU L 64, 3.3.2012, p. 29)

([16]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/294 tat-18 ta' Frar 2019 li tistabbilixxi l-lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi awtorizzati biex l-Unjoni timporta minnhom klieb, qtates u inmsa, u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal dawn l-importazzjonijiet (ĠU L 48, 20.2.2019, p. 41)

(6) Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet 2006/168/KE, 2008/636/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008, id-Deċiżjoni 2010/472/UE, id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE u 2012/137/UE, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 u d-Deċiżjoni (UE) 2019/294 jitħassru mill-21 ta' April 2021. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi listi ġodda ta' pajjiżi terzi u territorji jew żoni tagħhom li se jissostitwixxu l-listi attwali ta' pajjiżi terzi u territorji jew żoni jew kompartimenti tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali. Il-listi attwali jitfasslu fir-rigward kemm tas-saħħa tal-annimali kif ukoll tas-sikurezza alimentari, fejn rilevanti. Madankollu, jenħtieġ li l-listi l-ġodda jitfasslu separatament, b'mod partikolari, abbażi tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali previsti fir-Regolament (UE) 2016/429 u tar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari previsti fir-Regolament (UE) 2017/625.

(7) F'ċerti każijiet, huma biss ċerti żoni jew kompartimenti ta' pajjiż terz jew territorju tiegħu li jikkonformaw mal-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u mar-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li d-dħul fl-Unjoni ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali jkun permess biss jekk ikunu ġejjin minn tali żoni jew kompartimenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika b'mod ċar f'kull lista ż-żona(i), jew il-kompartiment(i) fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, tal-pajjiżi terzi jew tat-territorji li jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali.

(8) Il-punt (c) tal-Artikolu 231 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li jenħtieġ li l-listi stipulati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament jispeċifikaw ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi u l-garanziji tas-saħħa tal-annimali li jikkonċernaw il-mard elenkat li jridu jiġu mħarsa mill-pajjiżi terzi jew mit-territorji. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi, fejn rilevanti, tali kundizzjonijiet speċifiċi u garanziji tas-saħħa tal-annimali, filwaqt li jqis is-sitwazzjoni speċifika tas-saħħa tal-annimali tal-pajjiż terz jew tat-territorju tal-oriġini jew taż-żona tiegħu, jew inkella tal-kompartiment tiegħu fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, u l-ispeċijiet u l-kategoriji speċifiċi ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali kkonċernati.

(9) Il-Parti VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 tistabbilixxi regoli speċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li għalihom l-Unjoni mhijiex id-destinazzjoni finali, u ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw mill-Unjoni u li jirritornaw fiha. B'mod partikolari, dak ir-Regolament jipprevedi l-possibbiltà li jiġi awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' tali konsenji li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti kollha tas-saħħa tal-annimali soġġetti għall-issodisfar ta' kundizzjonijiet speċifiċi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali li tali konsenji jenħtieġ li jikkonformaw magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.

(10) Skont il-Ftehim ŻEE, l-Istati taż-ŻEE-EFTA mhumiex pajjiżi terzi meta jinnegozjaw mal-Istati Membri tal-UE f'oqsma rregolati mill-Ftehim ŻEE.

(11) Billi r-regoli stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati flimkien mar-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2016/429 u fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll mill-21 ta' April 2021.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, jew kompartimenti tagħhom fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, li minnhom irid ikun permess id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dan ir-Regolament.

Huwa jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet speċifiċi u l-garanziji tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti konsenji u jispeċifika l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li jridu jintużaw mill-pajjiż terz jew mit-territorju tal-oriġini tal-konsenji.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

Artikolu 3

Listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni jew kompartimenti tagħhom li minnhom għandu jkun permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali

1. L-awtorità kompetenti għandha tippermetti biss id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jekk il-pajjiż terz jew it-territorju tal-oriġini tal-konsenja, jew iż-żona jew il-kompartiment tiegħu, ikunu elenkati għall-ispeċi u l-kategorija speċifiċi ta' annimali, prodotti ġerminali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali u l-konsenja tkun akkumpanjata miċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali meħtieġ biex jakkumpanja l-konsenji ta' tali speċijiet u kategoriji fit-tabella stabbilita fil-Parti 1 ta':

(a) l-Anness II għall-ungulati għajr:

  (i) l-annimali ekwini;

  (ii) l-ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati;

(b) l-Anness III għall-ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati;

(c) l-Anness IV għall-annimali ekwini;

(d) l-Anness V għat-tjur u l-prodotti ġerminali tat-tjur;

(e) l-Anness VI għall-għasafar miżmuma fil-magħluq u l-prodotti ġerminali ta' għasafar miżmuma fil-magħluq;

(f) l-Anness VII għall-irġejjen tan-naħal tal-għasel u n-naħal bagħal;

(g) l-Anness VIII għall-klieb, il-qtates u l-inmsa;

(h) l-Anness IX għall-prodotti ġerminali ta' annimali bovini;

(i) l-Anness X għall-prodotti ġerminali ta' annimali ovini u kaprini;

(j) l-Anness XI għall-prodotti ġerminali ta' annimali porċini;

(k) l-Anness XII għall-prodotti ġerminali ta' annimali ekwini;

(l) l-Anness XIII għal-laħam frisk tal-ungulati;

(m) l-Anness XIV għal-laħam frisk tat-tjur u tal-għasafar tal-kaċċa;

(n) l-Anness XV għall-prodotti tal-laħam minn ungulati, tjur u għasafar tal-kaċċa, kif ġej:

  (i) it-Taqsima A tal-Parti 1 għall-prodotti tal-laħam li għaddew mit-trattament mhux speċifiku A għall-mitigazzjoni tar-riskju jew mit-trattamenti B, C jew D għall-prodotti tal-laħam (skont l-Anness XXVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692);

  (ii) it-Taqsima B tal-Parti 1 għall-prodotti tat-tip biltong/jerky minn ungulati, tjur u għasafar tal-kaċċa;

(o) l-Anness XVI għall-budellati;

(p) l-Anness XVII għall-ħalib, għall-kolostru u għall-prodotti li fihom il-kolostru u għall-prodotti tal-ħalib derivati minn ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib mhux meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer;

(q) l-Anness XVIII għall-prodotti tal-ħalib meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer;

(r) l-Anness XIX għall-bajd u l-prodotti tal-bajd;

(s) l-Anness XX għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-użu personali;

(t) l-Anness XXI għall-annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għall-istabbilimenti tal-akkwakultura, għar-rilaxx fis-selvaġġ jew għal skopijiet oħrajn għajr il-konsum dirett mill-bniedem, kif ukoll għal ċerti annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn dawk l-ispeċijiet elenkati li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

2. L-awtorità kompetenti għandha tippermetti biss id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali mill-pajjiżi terzi, mit-territorji jew minn żoni tagħhom elenkati fit-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness XXII jekk ikunu:

(a) konsenji tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali msemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella u l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tagħhom;

jew

(b) konsenji tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali msemmija fil-kolonna 4 ta' dik it-tabella u li oriġinaw mill-Unjoni u qed jiġu rritornati fiha wara li jgħaddu minn pajjiż terz jew territorju tiegħu.

Artikolu 4

Kundizzjonijiet speċifiċi u garanziji tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali

L-Istati Membri għandhom jippermettu biss id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, jekk dawk il-konsenji jissodisfaw, fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet speċifiċi u l-garanziji tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Anness rilevanti għall-ispeċijiet u l-kategoriji speċifiċi ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali u għall-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu, jew kompartiment tiegħu fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura.

Artikolu 5

Tħassir

L-atti li ġejjin jitħassru mill-21 ta' April 2021:

— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE;

— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/636/KE;

— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE;

— id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE;

— id-Deċiżjoni Delegat tal-Kummissjoni 2012/137/UE;

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659;

— id-Deċiżjoni Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/294;

— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE.

Artikolu 6

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Il-konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni skont l-atti tal-Kummissjoni li ġejjin, u akkumpanjati miċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont dawk l-atti tal-Kummissjoni, għandhom ikunu permessi li jidħlu fl-Unjoni sal-20 ta' Ottubru 2021, diment li ċ-ċertifikat ikun ġie ffirmat mill-persuna awtorizzata biex tiffirma ċ-ċertifikat skont dawk l-atti tal-Kummissjoni qabel il-21 ta' Awwissu 2021:

— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE;

— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE;

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008;
— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/636/KE;
— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008;
— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010;
— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010;
— id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE;
— id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE;
— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 28/2012;
— id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/137/UE;
— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013;
— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759;
— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659;
— id-Deċiżjoni Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/294.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-24 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Regoli ġenerali għall-Annessi II sa XXII

Dan l-Anness jistabbilixxi r-regoli ġenerali li ġejjin applikabbli għall-Annessi II sa XXII:

(1) Meta r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni tal-konsenji msemmija fl-Artikolu 3 jiġu ssodisfati għat-territorju kollu ta' pajjiż terz jew it-territorju tal-oriġini, dak il-pajjiż terz jew it-territorju jiġi elenkat bl-indikazzjoni tal-kodiċi ISO tiegħu segwita minn "0".

(2) Meta r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni tal-konsenji msemmija fl-Artikolu 3 jiġu ssodisfati biss għal żona ta' pajjiż terz jew it-territorju tal-oriġini, dik iż-żona tiġi elenkata bl-indikazzjoni tal-kodiċi ISO tagħha segwita minn numru li mhuwiex "0".

Dawk iż-żoni huma deskritti fil-Parti 2 tal-Anness rilevanti.

(3) Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-konsenji msemmija fl-Artikolu 3, kif indikati fit-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness rilevanti ta' dan ir-Regolament, huma stabbiliti:

(a) fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 ([1]);

(b) fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235;

(c) fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2236.

(4) Il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4 huma stabbiliti, jekk ikun hemm, fit-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness rilevanti u deskritti fit-tabella stabbilita fil-Parti 3 tal-istess Anness.

(5) Il-garanziji tas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 4 huma stabbiliti, jekk ikun hemm, fit-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness rilevanti u deskritti fit-tabella stabbilita fil-Parti 4 tal-istess Anness.

(6) Id-dati tal-għeluq u d-dati tal-ftuħ imsemmija fit-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Annessi II sa XXII jirreferu għar-restrizzjonijiet taż-żmien speċifiċi applikabbli għad-dħul fl-Unjoni tal-konsenji msemmija fl-Artikolu 3 miż-żoni rilevanti, kif stipulati fir-regoli tal-Unjoni.

(7) Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-Iżvizzera huma soġġetti għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli, approvat mid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

(8) Iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali meħtieġa li jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-Iżlanda, ta' New Zealand u tal-Kanada, skont l-Annessi II sa XXI ta' dan ir-Regolament, huma soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi ta' ċertifikazzjoni previsti fil-ftehimiet rilevanti bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi terzi.

(9) L-entrati għall-Iżrael huma mifhuma li jirreferu għall-Istat ta' Iżrael, u ma għandhomx japplikaw għaż-żoni ġeografiċi li ġew taħt l-amministrazzjoni tal-Istat ta' Iżrael wara l-5 ta' Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, il-Lvant ta' Ġerusalemm u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

(10) Meta ssir referenza għas-Serbja, it-territorju tal-Kosovo, li bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999, mhuwiex inkluż.

(11) Meta ssir referenza għall-Kosovo, din id-dežinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-ICJ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1).

ANNESS II

UNGULATI (għajr annimali ekwini u ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati)

PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ungulati (għajr annimali ekwini u ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati) kif imsemmi fil-punt (1)(a) tal-Artikolu 3

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	**Kodiċi taż-żona** kif stabbilit fil-Parti 2	**Speċijiet** permessi li jidħlu fl-Unjoni	**Kategoriji** permessi li jidħlu fl-Unjoni	**Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali**	**Kundizzjonijiet speċifiċi** kif stabbiliti fil-Parti 3	**Garanziji tas-saħħa tal-annimali** kif stabbiliti fil-Parti 4	**Data tal-għeluq**	**Data tal-ftuħ**
1	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**
CA Il-Kanada	CA- 0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	BOV-X		SF-BTV		
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU, SF-BTV		
		Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	SUI-X		ADV		
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	CAM-CER		SF-BTV		
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO		SF-BTV (2)		
CH L-Iżvizzera	CH - 0	Soġġett għall-Ftehim imsemmi fil-punt 7 tal-Anness I						
CL Iċ-Ċilì	CL - 0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	BOV-X				
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	OV/CAP-X		BRU		

		Annimali porċini	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	SUI-X				
		Annimali kamelidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
GL Greenland	GL - 0	Annimali ovini u kaprini	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	OV/CAP-X				
		Annimali kamelidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	CER-X				
		Ungulati oħrajn	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
IS L-Iżlanda	IS - 0	Annimali bovini	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y				
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y				
		Annimali porċini	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y	CSF			

		Annimali kamelidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	CAM-CER				
		Ungulati oħrajn	Annimali għażżamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
NZ New Zealand	NZ - 0	Annimali bovini	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		BRU, TB		
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU		
		Annimali porċini	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y				
		Annimali kamelidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	CAM-CER				
		Annimali ċervidi	Annimali għażżamma ulterjuri (1) u maħsuba għall-iskarnar	CAM-CER				

		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	RUM, RHINO, HIPPO				
US L-Istati Uniti	US - 0	Annimali porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri (1)	SUI-X				

(1) "Annimali għaż-żamma ulterjuri" tfisser annimali maħsuba għal stabbilimenti li jżommu annimali ħajjin għajr biċċeriji
(2) Għall-ispeċijiet elenkati biss skont ir-Regolament (UE) 2018/1882 (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21)

PARTI 2

Deskrizzjonijiet taż-żoni tal-pajjiżi terzi jew tat-territorji msemmija fil-kolonna 2 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1

Xejn

PARTI 3

Kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-kolonna 6 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1

CSF	Il-konsenji ta' annimali porċini miż-żona msemmija fil-kolonna 2 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 iridu jgħaddu minn test għad-detezzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer b'riżultati negattivi fil-perjodu ta' 30 jum qabel ma jintbagħtu lejn l-Unjoni

PARTI 4

Garanziji tas-saħħa tal-annimali msemmija fil-kolonna 7 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1

BRU	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien minn infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis* u *B.suis* tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
TB	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien minn infezzjoni bil-*kumpless tal-Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis, M. caprae, M. tuberculosis)* tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
BTV	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
SF-BTV	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien staġunali minn infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
SF-EHD	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien staġunali minn infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
EBL	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien mil-lewkoża enzootika bovina tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
IBR	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien mir-rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
BVD	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien mid-dijarea virali bovina tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692
ADV	L-Unjoni rrikonoxxiet il-ħelsien minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky tal-pajjiż terz, it-territorju jew iż-żona fir-rigward tal-ispeċijiet speċifiċi ta' annimali msemmija fil-kolonna 3 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692

ANNESS III

UNGULATI MAĦSUBA GĦAL STABBILIMENTI KONFINATI

PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1)

Il-konsenji ta' ungulati, ħlief annimali ekwini, mill-pajjiżi terzi u t-territorji kollha elenkati fit-tabella stabbilita f'din il-Parti huma permessi biex jidħlu fl-Unjoni minn stabbilimenti konfinati elenkati skont l-Artikolu 29 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 għal stabbilimenti konfinati fl-Unjoni.

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	**Kodiċi taż-żona** kif stabbilit fil-Parti 2	**Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali**	**Kundizzjonijiet speċifiċi** kif stabbiliti fil-Parti 3	**Garanziji tas-saħħa tal-annimali** kif stabbiliti fil-Parti 4
1	**2**	**3**	**4**	**5**
AL L-Albanija	AL-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
AR L-Arġentina	AR-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
AU L-Awstralja	AU-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
BA Il-Bożnija-Ħerzegovina	BA-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
BH Il-Bahrain	BH-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
BR Il-Brażil	BR-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
BW Il-Botswana	BW-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
BY Il-Belarus	BY-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		

BZ Il-Belize	BZ-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
CA Il-Kanada	CA-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
CH L-Iżvizzera	CH-0	Soġġett għall-Ftehim, kif imsemmi fil-punt 7 tal-Anness I		
CL Iċ-Ċilì	CL-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
CN Iċ-Ċina	CN-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
CO Il-Kolombja	CO-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
CR Il-Costa Rica	CR-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
CU Kuba	CU-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
DZ L-Alġerija	DZ-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
ET L-Etjopja	ET-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
FK Il-Gżejjer Falkland	FK-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		

GL Greenland	GL-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
GT Il-Gwatemala	GT-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
HK Hong Kong	HK-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
HN Il-Honduras	HN-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
IL Iżrael	IL-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
IN L-Indja	IN-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
IS L-Iżlanda	IS-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
JP Il-Ġappun	JP-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
KE Il-Kenja	KE-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
MA Il-Marokk	MA-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
ME Il-Montenegro	ME-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		

MG Madagascar	MG-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
MK Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq	MK-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
MU Mauritius	MU-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
MX Il-Messiku	MX-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
NA In-Namibja	NA-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
NC New Caledonia	NC-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
NI In-Nikaragwa	NI-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
NZ New Zealand	NZ-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
PA Il-Panama	PA-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
PY Il-Paragwaj	PY-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
RS Is-Serbja	RS-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		

RU Ir-Russja	RU-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
SG Singapore	SG-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
SV El Salvador	SV-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
SZ L-Eswatini	SZ-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
TH It-Tajlandja	TH-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
TN It-Tuneżija	TN-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
TR It-Turkija	TR-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
UA L-Ukrajna	UA-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
US L-Istati Uniti	US-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
UY L-Urugwaj	UY-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		
ZA L-Afrika t'Isfel	ZA-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		

ZW Iż-Żimbabwe	ZW-0	CONFINED-RUM, CONFINED-SUI, CONFINED-TRE, CONFINED-HIPPO		

PARTI 2

Deskrizzjonijiet taż-żoni tal-pajjiżi terzi jew tat-territorji msemmija fil-kolonna 2 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1

Xejn

PARTI 3

Kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-kolonna 4 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1

Xejn

PARTI 4

Garanziji tas-saħħa tal-annimali msemmija fil-kolonna 5 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1

Japplikaw il-garanziji tas-saħħa tal-annimali pprovduti fit-tabella stabbilita fil-Parti 4 tal-Anness II.

ANNESS IV

ANNIMALI EKWINI

PARTI 1

Lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali ekwini kif imsemmi fil-punt (1)(c) tal-Artikolu 3

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	**Żona** kif stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness II	**Grupp sanitarju**	**Kategoriji** permessi li jidħlu fl-Unjoni	**Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali**	**Kundizzjonijiet speċifiċi** kif stabbiliti fil-Parti 3	**Garanziji tas-saħħa tal-annimali** kif stabbiliti fil-Parti 4	**Data tal-għeluq**	**Data tal-ftuħ**
1	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**
AE L-Emirati Għarab Magħquda	AE - 0	E	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
AR L-Arġentina	AR - 0	D	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
AU L-Awstralja	AU - 0	A	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				

BA Il-Bożnija-Ħerzegovina	BA-0	B	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30 EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
BB Barbados	BB - 0	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
BH Il-Bahrain	BH - 0	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
BM Bermuda	BM - 0	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
BO Il-Bolivja	BO - 0	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
BR Il-Brażil	BR-1	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				

BY Il-Belarus	BY - 0	B	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
CA Il-Kanada	CA - 0	C	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
CH L-Iżvizzera	CH-0	A	Soġġett għall-Ftehim imsemmi fil-punt 7 tal-Anness I					
CL Iċ-Ċilì	CL-0	C	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
CN Iċ-Ċina	CN-1	G	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
	CN-2	G	Żwiemel reġistrati	EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP				

CR Il-Costa Rica	CR-1	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
CU Kuba	CU-0	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
DZ L-Alġerija	DZ-0	E	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
EG L-Eġittu	EG-1	E	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X,				
FK Il-Gżejjer Falkland	FK-0	A	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
GL Greenland	GL-0	A	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				

HK Hong Kong	HK-0	G	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
IL Iżrael	IL-0	E	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
IS L-Iżlanda	IS-0	A	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
JM Il-Ġamajka	JM-0	D	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
JO Il-Ġordan	JO-0	E	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				

JP Il-Ġappun	JP-0	G	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
KG Il-Kirgiżistan	KG-1	B	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X				
KR Il-Korea t'Isfel	KR-0	G	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
KW Il-Kuwajt	KW-0	E	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE			**28.11.2019**	**27.11.2020**
LB Il-Libanu	LB-0	E	Żwiemel reġistrati	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
MA Il-Marokk	MA-0	E	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				

ME Il-Montenegro	ME-0	B	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
MK Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq	MK-0	B	Żwiemel reġistrati; ekwidi reġistrati; annimali ekwini oħrajn mhux maħsuba għall-iskarnar; annimali ekwini għall-iskarnar	EQUI-X, EQUI-TRANSIT-X, EQUI-Y, EQUI-TRANSIT-Y, EQUI-RE-ENTRY-30, EQUI-RE-ENTRY-90-COMP, EQUI-RE-ENTRY-90-RACE				
